# DWAL

*E il naufragar m'è dolce in questo mare,*

LEOPARDI

Arani fil-għaxija
nixref mit-tieqa għal barra
inħares waħdi – jew, aħjar, ma' ħbiebi,
il-ħsebijiet, —
lejn id-dwal jgħumu fid-dija;
dwal bojjod miżrugħin ħiemda fil-bliet.

Xi ħlewwa! Xi ġmiel!
Min ifisser xi tħoss qalbi
f'dak il-ħin?

Dawk id-dwal fil-bliet miżrugħa
donnhom sema kwiekeb iehor
jirgħa fl-art!
Nistħajjilhom ġnien bil-ward
lewn iż-żah'r u l-ġiżimin!

Dawk id-dwal għandhom mill-baħar;
baħar tal-fidda
ibus ix-xtut.

Ħalluni negħreq f'dan il-baħar ħiemed:
u bi dwal il-ġmiel u l-hena
immut.

KARMENU VASSALLO

5—XI—36